**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 21 TA' MEJJU, 2002**

**Numru: 10**

**Avviz Nru: 276/02 AE**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fil-jeddijiet ta' Victor Sare'**

**Vs**

**Pamela Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha u tletin lira Maltija u tletin centezmu (Lm339.30), rapprezentanti danni sofferti fuq il-vettura CBB 023 li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici wara l-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' Dicembru 1999, bejn vettura EAV 081 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura bin-

numru CBB 023 misjuqa minn Victor Sare' huwa ghal liema incident hija unikament responsabbli l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha kkontestat ir-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fit-28 ta' Dicembru 1999 sehh incident tat-traffiku fi Triq Erin Serracino Inglott, Iklin bejn il-vettura EAV 081 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura CBB 023 misjuqa mill-assigurat tas-socjeta attrici (Victor Sare').

2. L-assigurat tas-socjeta attrici kien qieghed isuq fid-direzzjoni tal-By Pass ta' Birkirkara, waqt li l-konvenuta kienet qeghda ssuq fid-direzzjoni ta' San Gwann.

3. Is-sewwieqa taw verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. Filwaqt li Victor Sare' xehed li kienet il-vettura tal-konvenuta li nvadiet il-karreggjata tieghu, il-konvenut xehdet li l-vettura l-ohra *"kienet* ***<u>xi ftit</u>*** *fuq in-naha tieghi tat-triq"* (fol. 38).

4. L-incident tat-traffiku sehh f'liwja. It-Tribunal kellu l-opportunita li jaccedi fuq il-post u josserva l-konfigurazzjoni tat-triq.

5. Ta' rilevanza hija l-hsara li saret fuq iz-zewg vetturi. Dik misjuqa mill-attur kellha hsara *"right mudguard, bumper, indicator and bonnet"* (fol. 20), filwaqt li dik misjuqa mill-konvenuta kellha hsara *"right rear side, door and rear bumper"* (fol. 20).

6. Wara li t-Tribunal qies x-xhieda moghtija mill-partijiet, u b'mod partikolari l-hsara li saret fiz-zewg vetturi u l-konfigurazzjoni tat-triq, jemmen li l-verzjoni moghtija mill-attur hija dik l-iktar verosimili. Kieku l-affarijiet graw bil-mod kif iddeskriviet il-konvenuta (li kkonfermat ukoll li l-vettura misjuqa minn Victor Sare' waqfet ma' l-impatt), it-trajettorja tal-vettura Isuzu Gemini bin-numru CBB 023 ma kenitx tkun kif murija fuq l-iskizz a fol. 22 tal-process (dokument li l-kontenut tieghu gie kkonfermat mill-konvenuta). Il-konvenuta ma tat l-ebda spjegazzjoni ta' kif jista' jkun li l-vettura misjuqa minn Victor Sare' kienet fuq in-naha taghha, meta fl-iskizz tidher fuq in-naha l-ohra tat-triq. Il-hsara fiz-zewg vetturi tindika wkoll li l-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet angolata fil-hin ta' l-incident, indikazzjoni cjara li l-konvenuta

ghamlet manuvra biex tiehu lura postha fit-triq u tevita mpatt frontali.

7. Ghalhekk il-konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghat-tiswija tal-hsara kkagunata fil-vettura Isuzu Gemini bin-numru CBB 023.

8. Il-quantum tad-danni reklamati ma gewx kontestati u jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara li l-konvenut hija responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza, u jikkundannaha thallas is-somma ta' tlett mija u disgha u tletin lira Maltija u tletin centezmu (Lm339.30), bl-imghax skond il-ligi.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**